**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Micallef**
**V**

**JASON DESIRA**

**Illum 8 ta' Gunju 2001**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **JASON DESIRA** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Carmelo u Adolfa nee` Falzon mwieled Pieta` fl-ghaxra ta' Dicembru 1972 u residenti 21, 'Floyd', Triq il-Bhajra, Zejtun u detentur ta' karta tal-identita` numru 32273(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar u matul il-granet ta' qabel din id-data, fiz-Zejtun laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew

imexxihom u cioe` ta’ CB radio tal-marka Maxon, Playstation tal-marka Sony, Television tal-kulur tad-ditta Seleco u video recorder tad-ditta Saba liema oggetti huma ta’ valur li jeccedi il-mitt lira maltin izda anqas minn elf lira maltin ghad-detriment tal-konjugi Vella.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta’ Jannar 2001 esebit f’dawn l-atti mmarkat bhala dokument CSH 3.

Rat id-dokumenti kollha relattivi.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz propjament illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe` mill-mument li huwa irrilaxxa l-istqarrija li tinsab esebita f’dawn l-atti mmarkata bhala dokument CSH 1.

Rat il-res furtiva giet ritornata kollha lil sidha.

Ghaldaqstant thoss li fic-cirkostanzi wara li qed tiddikjara li qed issib lil imputat **JASON DESIRA** hati fuq ammissjoni tieghu stess, thoss illi l-piena idonea hija dik ta' probation.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tillibera lil imputat **JASON DESIRA** taht l-artiklu 9 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jikkomettiex reat iehor ghal perjodu ta' sentejn mill-llum.

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**